



Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU
TAL-UNJONI EWROPEA
(It-Tieni Awla)
28 ta' April 2015

Kawża F-72/14

Maria Luisa Garcia Minguez
vs
Il-Kummissjoni Ewropea

“Servizz pubbliku — Kompetizzjoni interna — Avviż ta’ kompetizzjoni — Kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà — Membri tal-personal temporanju tal-Kummissjoni — Personal ta’ aġenzija eżekuttiva — Nuqqas ta’ ammissjoni għall-kompetizzjoni — Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Personal — Artikolu 29(1)(b) tar-Regolamenti tal-Personal — Prinċipji ta’ ugwaljanza fit-trattament u ta’ nondiskriminazzjoni — Rikors manifestament infondat fid-dritt”

Suġġett: Rikors, ipreżentat skont l-Artikolu 270 TFUE, applikabbli għat-Trattat KEEA fuq il-bażi tal-Artikolu 106a tiegħu, li permezz tiegħu M. L. Garcia Minguez titlob l-annullament tad-deċiżjoni li tīchad il-kandidatura tagħha fil-kompetizzjoni interna COM/3/AD 9/13 organizzata mill-Kummissjoni Ewropea.

Deċiżjoni: Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament nieħes minn kull bażi fid-dritt. M. L. Garcia Minguez għandha tħati l-ispejjeż tagħha stess u hija kkundannata tħati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.

Sommarju

1. *Uffiċjali — Kompetizzjoni — Kompetizzjonijiet interni — Kundizzjonijiet għall-ammissjoni — Appartenenza għall-persunal tal-istituzzjoni — Membru tal-persunal temporanju rreklutat direttament minn aġenzija eżekuttiva — Esklużjoni*
(Regolamenti tal-Personal, Artikolu 29(1)(b); Regolament tal-Kunsill Nru 58/2003, Artikolu 18(1))

2. *Uffiċjali — Organizzazzjoni tad-dipartimenti — Organigramma — Valur ġuridiku — Assenza*
(Regolament tal-Kunsill Nru 58/2003, Artikolu 18(1))

3. *Uffiċjali — Kompetizzjoni — Kompetizzjonijiet interni — Kundizzjonijiet u modalitajiet tal-organizzazzjoni — Setgħa diskrezzjonali tal-amministrazzjoni — Limiti — Esklużjoni tal-persunal estern għall-istituzzjoni — Ammissibbiltà — Ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Personal — Assenza*
(Regolamenti tal-Personal, Artikoli 27 u 29)

4. *Ufficijali — Kompetizzjoni — Kompetizzjonijiet interni — Kundizzjonijiet għall-ammissjoni — Appartenenza għall-persunal tal-istituzzjoni — Esklużjoni tal-membri tal-persunal temporanju rreklutati direttament mill-aġenziji eżekuttivi, iżda mhux tal-ufficijali kkollokati bħala membri tal-persunal temporanju fi ħdan dawn l-aġenziji — Ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Assenza*

(*Regolamenti tal-Persunal, Artikolu 29(1)(b)*)

1. L-Artikolu 29(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal jawtorizza lil kull istituzzjoni torganizza kompetizzjonijiet interni miftuħa biss għal uffiċjali u membri tal-persunal temporanju tagħha. L-espressjoni “kompetizzjoni interna għall-istituzzjoni” fis-sens ta’ dan l-artikolu tirrigwarda lill-persuni kollha li huma fis-servizz tal-istituzzjoni inkwistjoni, fi kwalunkwe kapaċità li tkun.

Il-membri tal-persunal temporanju rreklutati direttament mill-aġenziji eżekuttivi, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 58/2003, li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, ma jistgħux jitqiesu li huma fis-servizz tal-Kummissjoni, peress li dawn l-aġenziji, minkejja l-grad ta’ kontroll eżerċitat mill-Kummissjoni kemm fuq il-kompożizzjoni tal-korpi tagħhom kif ukoll fuq il-qadi tal-kompiti tagħhom, għandhom servizzi li huma distinti minn dawk tal-Kummissjoni.

(ara l-punti 33 u 34)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: sentenza tat-23 ta' Jannar 2003, Angioli vs Il-Kummissjoni, T-53/00, EU:T:2003:12, punt 50

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenza tal-20 ta' Novembru 2012, Ghiba vs Il-Kummissjoni, F-10/11, EU:F:2012:158, punti 43 u 44

2. Organigramma ta' Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni ma hijiex ta' natura li tikklassifika aġenzija eżekuttiva, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 58/2003, li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b'ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, bħala servizz tal-Kummissjoni, peress li tali dokument huwa, barra minn hekk, nieqes minn effetti legali u għandu skop strettament informativ.

(ara l-punti 41)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: sentenza tat-18 ta' Frar 1993, Mc Avoy vs Il-Parlament, T-45/91, EU:T:1993:11, punt 45

3. L-eżerċizzju tas-setgħha diskrezzjonal wiesgħa li r-Regolamenti tal-Persunal jagħtu lill-istituzzjonijiet fil-qasam tal-organizzazzjoni ta’ kompetizzjonijiet għandu jkun kompatibbli mad-dispożizzjonijiet mandatorji tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprovd li l-iskop ta’ kull proċedura ta’ reklutaggħ huwa dak li jiġi żgurat għall-istituzzjoni l-kompetizzjoni ta’ uffiċjali li jkollhom l-ogħla livell ta’ kapaċità, effiċjenza u integrità, kif ukoll tal-Artikolu 29(1) tal-istess regolamenti. Bħala riżultat ta’ dan, meta torganizza kompetizzjoni interna, l-istituzzjoni hija marbuta li tosserva kemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27 kif ukoll l-Artikolu 29 tar-Regolamenti tal-Persunal.

F'dan ir-rigward, billi tillimita l-aċċess għal kompetizzjoni biss għall-uffiċjali u membri tal-persunal temporanju impiegati fis-servizzi tagħha, istituzzjoni tkun qiegħda sempliċement tapplika l-Artikolu 29(1)(b) tar-Regolamenti tal-Persunal. Barra minn hekk, din l-istituzzjoni tista’ teskludi, korrettament, il-kandidaturi tal-persunal tal-aġenziji eżekuttivi minn tali kompetizzjoni, sa fejn dan il-persunal ma jidher part mill-uffiċjali u mill-persunal temporanju fis-servizz tal-istituzzjoni. Taħt dawn il-kundizzjonijiet, jekk jitqies li din l-istituzzjoni tkun qiegħda tikser l-Artikolu 27

tar-Regolamenti tal-Persunal sempliċement minħabba l-applikazzjoni tal-Artikolu 29 tal-istess regolamenti, tiġi miċħuda kull possibbiltà għaliha li torganizza kompetizzjoni interna, possibbiltà li hija preċiżament irriżervata għaliha mir-Regolamenti tal-Persunal.

(ara l-punti 45 sa 47)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: sentenza tal-21 ta' Novembru 2000, Carrasco Benítez vs Il-Kummissjoni, T-214/99, EU:T:2000:272, punt 53

4. Hemm ksur tal-prinċipju ta' trattament ugwali meta żewġ kategoriji ta' persuni li s-sitwazzjonijiet legali u fattwali tagħhom ma jkollhom ebda differenza essenzjali bejniethom jiġu ttrattati b'mod differenti jew meta sitwazzjonijiet differenti jiġu ttrattati b'mod identiku, sakemm tali trattamenti ma jkunux oġġettivament iġġustifikati. Dan japplika wkoll għall-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, li huwa biss l-espressjoni spċifici tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza u jikkostitwixxi, flimkien ma' dan tal-aħħar, wieħed mid-drittijiet fundamentali tad-dritt tal-Unjoni li tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tiżgura l-osservanza.

F'dan ir-rigward, meta istituzzjoni tiddeċiedi li torganizza kompetizzjoni interna skont ir-Regolamenti tal-Persunal, tali kompetizzjoni, li wieħed mill-għanijiet tagħha huwa li l-membri tal-persunal temporanju jsiru uffiċjali permanenti ta' din l-istituzzjoni, hija, min-natura tagħha, intiża biss għall-uffiċjali u l-membri tal-persunal temporanju li jkunu jinsabu fis-servizz ta' din l-istituzzjoni, fi kwalunkwe kapaċità li tkun. Dawn l-uffiċjali u membri tal-persunal temporanju, inklużi dawk imqiegħda f'pożizzjoni ta' kollokament barra mill-istituzzjoni, ma humiex għalhekk f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli, fir-rigward tal-possibbiltà ta' aċċess għal tali kompetizzjoni, ma' dik tal-membri tal-persunal temporanju fis-servizz ta' aġenzijsa eżekuttiva distinta minn din l-istituzzjoni. Konsegwentement, ma jistax jiġi validament sostnū li avviż ta' kompetizzjoni jikser il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' nondiskriminazzjoni meta jippermetti lill-uffiċjali ta' istituzzjoni, inklużi dawk ikkollokati bħala membri tal-persunal temporanju fi ħdan aġenzijsi eżekuttivi, li jipparteċipaw f'kompetizzjoni interna u jipprobjixxi l-aċċess għall-membri tal-persunal temporanju rreklutati direttament minn dawn l-aġenzijsi.

(ara l-punti 48 sa 50)

Referenza:

Il-Qorti tal-Prim'Istanza: sentenza tat-8 ta' Novembru 1990, Bataille *et* vs Il-Parlament, T-56/89, EU:T:1990:64, punt 47

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku: sentenza tal-24 septembra 2009, Brown vs Il-Kummissjoni, F-37/05, EU:F:2009:121, punt 64 u l-ġurisprudenza ċċitata